MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 2168/2004

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Maria Victoria Abela u l-istess Maria Victoria Abela**

**Vs**

**Rabia Mifsud**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' mitejn u tmien liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm208.15c) rapprezentanti danni subiti fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JDM 829 ta' l-attrici Maria Victoria Abela b'rizultat ta' kollizjoni li sehh fit-

22 ta' Gunju, 2003 fi Triq John F. Kennedy, Bahar ic-Caghaq waqt li l-konvenuta kienet qieghda ssuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAF 904.

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi l-incident awtomobilistiku in mertu gie kkawzat unikament tort tas-sewwieqa tal-vettura l-ohra nvoluta fl-incident in mertu.

Sema' x-xhieda ta' David Debono, Maria Victoria Abela, Albert Agius u ta' Joe Buttigieg.

Ra li ghas-seduta tal-10 t'Ottubru, 2005 il-kawza kienet differita ghall-provi ta' l-atturi u ghall-provi tal-konvenuta, izda l-konvenuta la dehret u lanqas ma deher l-avukat taghha u ghalhekk il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ra li l-konvenuta regghet ma dehritx ghas-seduta tal-lum u d-digriet moghti llum.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dakinhar ta' l-incident il-vettura ta' l-attrici kienet qieghda fi Triq John F. Kennedy, Bahar ic-Caghaq u quddiemha kien hemm il-karozza misjuqa minn Rabia Mifsud. Hin minnhom il-vettura ta' Rabia Mifsud bdiet miexja lura u Maria Victoria Abela bdiet miexja lura minhabba f'hekk, izda gara illi meta Abela bdiet tirriversja, warajha kien hemm il-vettura ta' Albert Agius li beza' li din ser tibqa' diehla go fih u beda jdoqq il-horn u ghalhekk Abela waqfet. Meta Abela waqfet, Rabia Mifsud kompliet tirriversja ghal fuqha u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

Mid-deskrizzjoni ta' kif sehh l-incident jidher car illi r-responsabbilta' ghall-kollizjoni hija unikament imputabbli ghall-konvenuta li ghar-raguni nspjegabbli rriversjat ghal fuq il-vettura ta' l-attrici. Min qieghed jirriversja huwa obbligat li joqghod attent li jista' jaghmel tali manuvra liberament u minghajr ebda xkiel ghat-traffiku ta' warajh. Mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal jidher li l-konvenuta ma kienetx qieghda zzomm *a proper lookout*

jew possibilment ma kellhiex kontroll shih tal-vettura taghha li bdiet miexja lura billi kienet qieghda ghat-telgha.

Ghar-rigward tad-danni dawn gew debitament ikkonfermati, kemm mix-xhieda kif ukoll mid-dokumenti esebiti w anki mix-xhieda ta’ Joe Buttigieg, is-surveyor u ghalhekk it-talba kif dedotta tisthoqq li tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u jikkundannaha li thallas lill-atturi s-somma ta’ mitejn u tmien liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm208.15c) bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------